**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, tnax (12) ta' Novembru 2024

Kawża Nru 416/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Xerri)**

Vs

**Owen Mercieca**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Owen Mercieca**, iben Ruben Mercieca u Priscilla-Marie Cini, imwieled ir-Rabat, Għawdex fl-ewwel (1) ta' Novembru 2002 u residenti fil-fond "Luxury", Flat 1, Triq il-Ponta, Żebbuġ, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numur 25302(H) talli:

(1) nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta’ Lulju 2023 għall-ħabta tal-ħamsa u ħamsa u tletin minuta ta’ wara nofsinhar (17:35hrs) u jew fis-siegħat ta’ qabel ġewwa Triq ix-Xagħra, Xewkija Għawdex, b’nuqqas ta’ ħsieb jew bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ tħaris ta’ regolamenti, ikkaġuna feriti (ġrieħi) gravi fuq il-persuna ta’ Stephan Spiteri skond kif iċċertifika Dr. Joe Rapa MD ta’ l-Isptar ta’ Għawdex, liema offiża ġabet konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali;

(2) fl-istess data, ħin u ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura b’nuqqas ta’ kont, bi traskuraġni, jew b’mod perikoluż bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-proċediment;

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet lill-akkużat jixhed minn jeddu u b’mod volontarju;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta’ Lulju 2023 il-Pulizija fl-Għassa tar-Rabat, Għawdex ġew infurmati li fil-ħamsa

u ħamsa u tletin minuta ta' wara nofsinhar (17:35hrs) kien seħħ incident stradali fi Triq ix-Xagħra, limiti tax-Xewkija, Għawdex bejn vettura tal-marka Peugoet bin-numru tar-reġistrazzjoni NQZ 649 li kienet misjuqa minn Stephan Spiteri u l-vettura tal-marka Volkswagen Golf bin-numru tar-reġistrazzjoni BCO 748 li kienet misjuqa mill-akkużat Owen Mercieca.

Il-Pulizija marru fuq il-post u eventwalment kellmu wkoll liż-żewġ sewwieqa involuti fl-inċident stradali. Dan wara li t-tnejn li huma ingħataw id-drittijiet legali tagħhom. Spiteri spjega li huwa *foreman* mal-Enemalta u li huwa kien bil-vettura tax-xogħol sejjer fid-direzzjoni tax-Xagħra. Huwa waqaf biex jikser fuq il-lemin tiegħu biex jidħol fil-karreġġjata opposta biex minn hemm jmur għal fejn is-sub-station li kienet fil-ġenb tal-karreġġjata opposta. Spiteri spjega li huwa ma daħalx mill-ewwel fil-karreġġjata opposta peress li kien ġej trakk mid-direzzjoni opposta u kellu jistenna li jgħaddi dan it-trakk sabiex ikun jista' jkompli l-manuvra tiegħu. Fil-mument huwa sama' vettura ġejja minn warajh li baqgħet dieħla ġo fih.

Min-naħa tiegħu l-akkużat ikkonferma li huwa kien qed isuq il-vettura tiegħu wara l-vettura Peugeot misjuqa minn Spiteri u li kien sejjer fl-istess direzzjoni. Mercieca kompla jgħid li Spiteri kien qed iżomm fuq il-lemin filwaqt li hu u cioe Mercieca kien qed iżomm fuq in-naħa tax-xellug. F'daqqa waħda Mercieca sostna li Spiteri saq lejn ix-xellug, xegħel l-indicator, kiser f'daqqa u waqaf. Mercieca kompla jgħid li huwa

ma kellux ċans jieqaf għal kollox, għafas il-break u baqa' dieħel fil-vettura ta' Spiteri.

Ikkunsidrat;

- **<u>It-Tieni Akkuża – Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65</u>**

Il-Qorti sejra tibda biex teżamina qabel xejn it-tieni (2) akkuża li qiegħda tiġi addebitata lill-akkużat. F' din l-akkuża, il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-akkużat fil-ġurnata u l-ħin indikati saq il-vettura tiegħu tal-marka Volkswagen Golf bin-numru tar-reġistrazzjoni BCO 748 b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż. Dan kollu bi ksur tal-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65.

L-artikolu 15(1)(a) jikkontempla tlett (3) tipi ta' sewqan li kollha kemm huma jattiraw sanzjonijiet penali; pero ma jistgħux jitpoġġew fl-istess keffa u waħda tista' tgħid li hija aktar gravi mill-oħra. Ta' importanza hija s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**[1] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali spjegat b'mod ċar id-distinzjoni bejn dawn it-tlett (3) tipi ta' sewqan. Il-Qorti qalet li:

> *"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli,*

[1] Deċiża fis-6 ta' Mejju 1997 u Riportata f'Volum LXXXI.iv.57.

*prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont*** *hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bħala sewqan 'bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji.*

***Sewqan perikoluż*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalita' tal-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-*

*disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena l-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluż (ara* ***The Police vs Charlotte Chamberlain****, Appell Kriminali, 21/5/96)."*

Il-klassifikazzjoni ta' sewqan bħala negliġenti/traskurat, bla kont jew perikoluż hija kwistjoni purament ta' *"degree"*. Infatti fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mario Gellel** intqal:

> *"... kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negliġenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluż hi kwestjoni ta' 'degree' (App. Krim.* ***Pul vs Charles Bartolo****, 14.3.59,* ***Pol vs Wilson*** *(Vol. XXXIX.iv.1018) u* ***Pul. Vs Alfred Vella*** *(Vol. XLIV, p 933)) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' tagħhom (App. Krim.* ***Pul vs Hardingham****, 19.10.1963).*
>
> *Ġie wkoll ritenut li biex jintegra ruħu r-reat ta' sewqan perikoluż, hemm bżonn ta' ċertu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul vs Charles Farrugia*** *(Vol. XXXIX.iv.978)). 'Recklessness' ġiet definita bħala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul vs Joseph Aquilina****, 20.4.1963).*

> *Invece sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul vs Antonio Spiteri*** *(Vol. XLIV.iv.892)).*"[2]

Kif ġia senjalat, l-inċident stradali *de quo* seħħ bejn żewġ vetturi li kienu qegħdin jiġu misjuqa fl-istess direzzjoni wara xulxin. Il-vettura ta' quddiem – dik li kienet qed tiġi misjuqa mill-parte civile Stephan Spiteri – waqfet sabiex tikser fuq il-lemin tagħha u l-vettura tal-akkużat baqgħet dieħla fuq il-vettura ta' Spiteri. L-akkużat jattribwixxi l-inċident għall-fatt li Spiteri saq lejn ix-xellug, xegħel l-indicator, kiser f'daqqa lejn il-lemin u imbagħad waqaf. L-akkużat isostni li in vista ta' dan huwa ma kellux ċans jieqaf għal kollox u per konsegwenza ħabat mal-vettura ta' Spiteri.

Wara li eżaminat fid-dettal il-provi kollha miġjuba, din il-Qorti ma tqisx li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ Stephan Spiteri ikkrea xi emerġenza subtaneja li wasslet sabiex seħħ dan l-inċident stradali hekk kif sewwasew jissuġġerixxi l-istess akkużat. Il-kawża prossima ta' dan l-inċident stradali kien in-nuqqas ta' prudenza u t-traskuraġni fis-sewqan tal-akkużat. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni abbażi tas-segwenti raġunijiet:

---

[2] Deċiża fid-19 ta' Frar 2004.

(1) biex il-parte civile seta' jagħmel il-manuvra tiegħu biex jikser għall-karreġġjata opposta tat-triq biex b'hekk jkun jista' jasal għal fejn is-sub-station tal-Enemalta, huwa bil-fors kellu jnaqqas il-velocita tiegħu. Dan għaliex il-parte civile kien jeħtieġlu jieqaf biex jassigura ruħu li ma tkun ġejja l-ebda vettura mid-direzzjoni tax-Xagħra biex b'hekk huwa jkun jista' jidħol fil-karreġġjata opposta mingħajr ma joħloq perikolu la għalih u lanqas għal terzi persuni. Mill-provi ħareġ ċar li l-parte civile kien wieqaf fil-ħin tal-inċident propju għaliex kien qed jistenna trakk jgħaddi, liema trakk kien ġej mid-direzzjoni tax-Xagħra. Fix-xhieda tiegħu l-istess parte civile saħansitra ftakar il-kulur tat-trakk li kien qed jistenna li jgħaddi. It-triq fejn ġara l-inċident tippermetti viżwali fit-tul u li kieku l-akkużat kien moħħu fis-sewqan tiegħu u kien qed isuq b'mod prudenti ma setax ma jindunax minn ħin qabel bit-tnaqqis tal-veloċita tal-parte civile. Dan kellu jkun indikattiv biżżejjed għall-akkużat li l-istess parte civile kien fi ħsiebu jagħmel xi manuvra, manuvra li l-istess parte civile indikaha wkoll billi xegħel l-indicator tiegħu hekk kif anke ikkonferma l-istess akkużat *a tempo vergine*;

(2) l-impatt fuq il-vettura ta' Spiteri kien kompletament fuq in-naħa ta' wara tal-vettura tiegħu. Dan isib konferma fil-fatt li l-ħsarat huma kollha konċentrati fuq in-naħa ta' wara tal-istess vettura u mir-ritratti esebiti ma jidhirx li kien hemm ħsarat fil-ġnub. Dan huwa indikattiv li l-vettura ta' Spiteri kienet qiegħda f'linja

parallela mas-central strip u ma kinitx qiegħda miksura fil-ħin li seħħ l-inċident. Li kieku verament Spiteri għamel il-manuvra indikata mill-akkużat u cioe li l-parte civile l-ewwel mar fuq ix-xellug u imbagħad kiser għal-lemin, l-akkużat kien jaħkem il-ġenb tal-vettura ta' Spiteri u kienu jiġi kaġunati ħsarat f'din il-parti tal-vettura. Bil-mod ta' kif l-akkużat iddeskriva il-manuvra li għamel Spiteri, l-vettura ta' Spiteri kellha tkun angolata u mhux dritta. Dan pero ma kienx il-każ; il-vettura ta' Spiteri kienet dritta fil-mument tal-inċident u dan isib konferma kif ingħad mill-fatt li l-ħsarat fuq il-vettura ta' Spiteri huma konċentrati fuq in-naħa ta' wara tal-vettura;

(3) huwa ċar li l-akkużat kien għaddej b'veloċita pjuttost elevata. Dan isib konferma fil-fatt li bid-daqqa l-vettura ta' Spiteri daret 180 degrees u ġiet tħares direzzjoni lejn ir-Rabat meta din kienet sejra fid-direzzjoni opposta. Dan ikkonfermah wkoll l-istess akkużat. Il-ħsarat fuq il-vettura ta' Spiteri huma wkoll sostanzjali fejn saħansitra ir-rota ta' wara tan-naħa tal-lemin jidher li tqaċċtet minn postha. Jidhru wkoll li ħarġu l-air bags tal-vettura tal-akkużat. Il-parte civile soffra ksur fil-kustilji u anke fi spalltu. Dan kollu jindika kemm l-impatt kien wieħed b'saħħtu u mhux sempliċi *bumper to bumper collision*. Il-Qorti tinnota li jekk il-vettura ta' Spiteri kienet wieqfa, din ma kellhiex *momentum*. Allura l-forza ta' dan l-impatt ġiet kollha mill-vettura tal-akkużat,

konferma kemm il-veloċita tal-vettura tal-akkużat kienet għalhekk elevata;

(4) ma kienx prudenti da parti tal-akkużat li huwa jgħaddi b'veloċita elevata propju minn fejn hemm inkroċju fit-toroq. Infatti fil-punt fejn seħħet il-ħabta hemm trejqa fuq ix-xellug li minnha jinżlu jew jitilgħu vetturi għall-akkwati ta' Sant' Anton fix-Xagħra filwaqt li fuq in-naħa tal-lemin hekk fetħa fis-central strip biex wieħed jkun jista' jaqsam għall-karreġġjata l-oħra direzzjoni lejn ir-Rabat. Għalkemm id-difiża tipprova tissuġġerixxi li Spiteri ma setax jagħmel il-manuvra li huwa kien sejjer jagħmel, fit-triq ma jidhru l-ebda sinjali li jindikaw li tali manuvra kienet projbita. Li kieku kien il-każ, ic-*central strip* kienet tkun magħluqa kompletament biex tali manuvra ma ssirx.

Mill-provi pero ma jidhirx li l-akkużat ħa deliberatament xi riskji fis-sewqan tiegħu jew inkella li s-sewqan tiegħu kien daqstant gravi li seta' ħoloq perikolu serju għal sewwieqa jew persuni oħra li setgħu kienu qegħdin jużaw it-triq dak il-ħin. Għalhekk il-Qorti sejra issib lill-akkużat ħati tal-ewwel akkuża u dan in kwantu biss li huwa kien qed isuq il-vettura tiegħu b'mod traskurat.

- **<u>L-Ewwel (1) Akkuża – Artikolu 226(1) tal-Kap. 9</u>**

Għall-fini ta' sejbien ta' ħtija għal din l-ewwel (1) akkuża huwa fundamentali li tiġi pruvata kondotta negliġenti, konsistenti

ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb (imprudenza), negliġenza jew traskuraġni, jew ta' ħila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti speċifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti, u ordnijiet simili. Din trid tkun segwita b'ness ta' kawżalita' mal-akkadut dannuż involontarju. Fi kliem **Antolisei**, irid ikun hemm, *"quel rapporto di causalita' che deve intercedere tra la condotta imprudente o neglgente e l'evento."*[3]

Kif ġia senjalat l-inċident stradali *de quo* ġara minħabba s-sewqan traskurat tal-akkużat. Kien propju dan is-sewqan traskurat li wassal sabiex ġew kaġunati feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tal-parte civile. L-entita tal-feriti sofferti jsibu konferma miċ-ċertifikat ta' Dr Joseph Rapa li eżamina lill-parte civile hekk kif dan ġie meħud l-Isptar wara l-istess incident stradali. Mill-istess ċertifikat mediku joħroġ biċ-ċar kif l-parte civile soffra ksur f'numru ta' kustilji kif wkoll ksur tas-*shoulder blade* tal-lemin. Għalkemm fl-akkuża qed jingħad li l-ġrieħi kawżati ad istanza tal-akkużat ġabu l-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kap. 9, il-provi huma assolutament sajmin fuq dan il-punt. Il-konsegwenzi identifikati fl-artikolu 218 huma: (a) jekk tiġi kaġunata debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew jekk l-offiża iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ; (b) jekk l-offiża iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fl-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż; (c) jekk,

[3] Antolisei F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I,* 14th Edizione (2002), Dott. A. Giuffre Editore (Milano), p 73. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Friggieri**, deċiża fil-11 ta' Lulju 1995 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri)

meta ssir fuq mara tqila, l-offiża iġġibilha l-abort. Fiċ-ċertifikat ta' Dr Joseph Rapa m'hemm riferenza għall-ebda waħda minn dawn il-konsegwenzi. Lanqas ma tressqu xi provi oħra f'dan ir-rigward. Għalhekk għalkemm il-Qorti sejra issib ħtija wkoll fl-ewwel akkuża mhix sejra tqis li l-offiża kaġunata mill-akkużat fuq il-parte civile ġabet il-konsegwenzi identifikati fl-artikolu 218 tal-Kap. 9. Dan in vista li ma tressqu l-ebda provi f'dan ir-rigward.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 216, 218, 226(1)(b) tal-Kap. 9 kif wkoll l-artikolu 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda issib lill-akkużat:

**(a)** **ħati tal-ewwel (1) akkuża fis-sens li b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna feriti (ġrieħi) gravi fuq il-persuna ta' Stephan Spiteri skont kif iċċertifika Dr Joe Rapa M.D. tal-Isptar ta' Għawdex, liema offiża gravi pero ma ġabitx il-konsegwenzi imsemmija fl-artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta**;

(b) **ħati tat-tieni (2) akkuża in kwantu biss kien qiegħed isuq il-vettura tal-marka Volkswagen Golf bin-numru tar-reġistrazzjoni BCO 748 b'mod traskurat** iżda mhux qed issibu ħati li huwa saq l-istess vettura bla kont jew b'mod perikoluż;

u qed tikkundannah għall-ħlas ta’ multa komplessiva ta’ **ħames mitt ewro (€ 500)**.

Finalment wara li rat l-artikolu 15(3) tal-Kap. 65 qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta’ tmint (8) ijiem mil-lum.

(ft) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Ghar-Reġistratur